

[Paġna Ewlenija](#) > [Taħriġ, Networks Ġudizzjarji U Aġenziji](#) > [Avvenimenti/aħbarijiet](#)

Avvenimenti/aħbarijiet

L-aħħar aħbarijiet min-network (laqgħat, gruppi ta' ħidma, pubblikazzjonijiet)

Laqgħat

In-NĠE-ċivili jkollu laqgħat fuq bażi regolari għall-punti ta' kuntatt u għall-awtoritajiet ċentrali. Hawn taħt għandek issib skedi annwali reċenti tal-laqgħat tan-NĠE-ċivili:

Laqgħat fl-2023

Suġġett	Data	Post
<i>Laqgħa annwali</i>	23-24 ta' Jannar	Brussell
<i>Ir-Regolament Brussell IIb</i>	13-14 ta' Marzu	Brussell
<i>Ir-Regolamenti Brussell Ia, Ruma I u II</i>	20-21 ta' April	Brussell
<i>Notifika ta' dokumenti & Ir-Regolament dwar il-kumpilazzjoni tax-xhieda</i>	1-2 ta' Ġunju	Brussell
<i>Ir-Regolament dwar il-Manteniment</i>	4-5 ta' Settembru	Madrid
<i>Ir-Regolament dwar is-Suċċessjoni</i>	30 ta' Novembru-1 ta' Diċembru	Brussell

Laqgħat fl-2024

Suġġett	Data	Post
<i>Laqgħa annwali</i>	29-30 ta' Jannar	Brussell
<i>Ir-Regolament dwar l-Insolvenza</i>	20-21 ta' Marzu	Brussell
<i>Proċeduri tal-UE (Regolamenti dwar Talbiet Żgħar, Ordni ta' #las Ewropea u Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet)</i>	25-26 ta' April	Brussell
<i>Ir-Regolament Brussell IIb</i>	23-24 ta' Mejju	Bruges
<i>Ir-Regolament dwar il-Manteniment</i>	16-17 ta' Ottubru	Budapest
<i>Notifika ta' dokumenti & Ir-Regolament dwar il-kumpilazzjoni tax-xhieda</i>	4-5 ta' Diċembru	Brussell

Laqgħat fl-2025

Suġġett	Data	Post
<i>Laqgħa annwali</i>	27-28 ta' Jannar	Brussell
<i>Ir-Regolament Brussell Ia</i>	12-13 ta' Marzu	Brussell
<i>Ir-Regolament dwar is-Suċċessjoni</i>	28-29 ta' April	Brussell
<i>Ir-Regolament Brussell IIb</i>	17-18 ta' Ġunju	Varsavja
<i>Notifika ta' dokumenti & Ir-Regolament dwar il-kumpilazzjoni tax-xhieda</i>	22-23 ta' Ottubru	Brussell
<i>Ir-Regolament dwar il-Manteniment</i>	4-5 ta' Diċembru	Brussell

Gruppi ta' Ħidma

Il-gruppi ta' ħidma tan-NĠE-ċivili jiddiskutu suġġetti/kwistjonijiet speċifiċi li huma rilevanti għall-qrati, għall-operaturi fil-qasam tal-ġustizzja u għall-awtoritajiet kompetenti. Huma jistgħu jiżviluppaw għodod ġodda biex itejbu jew jarmonizzaw il-kooperazzjoni ġudizzjarja.

Hawn taħt tinsab il-lista tal-gruppi ta' ħidma attivi:

Grupp ta' Ħidma dwar gwida prattika għar-Regolament dwar il-Kumpilazzjoni tax-Xhieda (ir-Regolament 2020/1783). Wara r-riformulazzjoni reċenti tar-Regolament dwar il-Kumpilazzjoni tax-Xhieda, dan il-grupp ta' ħidma jirrevedi l-gwida tal-prattika preċedenti, b'enfasi fuq id-diġitalizzazzjoni.

Grupp ta' Ħidma dwar il-viżibbiltà tan-Network. Dan il-grupp ta' ħidma jiddiskuti inizzjattivi biex tittejjeb il-viżibbiltà tan-network f'dan il-qasam. L-oġġettiv tiegħu huwa li jiżgura li l-imħallfin, l-awtoritajiet kompetenti u l-operaturi fil-qasam tal-ġustizzja li jeħtieġu l-assistenza tiegħu jkunu infurmati kompletament.

Grupp ta' Ħidma dwar l-integrazzjoni tal-iskrivana tal-qorti fin-network. Dan il-grupp ta' ħidma jiddiskuti diversi azzjonijiet biex jiżgura li l-persunal tal-qorti, fl-Istati Membri fejn għandu responsabbiltajiet speċifiċi fil-kooperazzjoni ġudizzjarja, ikun involut u rappreżentat b'mod adegwat fin-network.

Grupp ta' Ħidma dwar is-Suċċessjoni (ir-Regolament 650/2012). Dan il-grupp ta' ħidma jiddiskuti kwistjonijiet speċifiċi li jirriżultaw mill-operat tar-Regolament dwar is-Suċċessjoni u jipproponi soluzzjonijiet għall-kwistjonijiet identifikati.

Grupp ta' Ħidma dwar id-diġitalizzazzjoni ta' Brussell IIb (ir-Regolament 2019/1111). Dan il-grupp ta' ħidma beħsiebu jstabbilixxi l-ħidma bażi diġitali meħtieġa għar-Regolament, qabel il-bidu tal-ħidma tal-Kumitat li se ssir bejn l-2026 u l-2027.

Aħbarijiet

Paġna web tan-NĠE-ċivili dwar it-Tfal Ukreni

Żur [il-paġna](#) żviluppata min-NĠE-ċivili biex issir taf iktar dwar il-ġuriżdiżzjoni u r-regoli tad-dritt applikabbli li japplikaw għall-każijiet transfruntieri li jinvolvu tfal Ukreni. Hija tippreżenta wkoll ir-regoli dwar ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' miżuri/deċiżjonijiet ġudizzjarji Ukreni, kif ukoll il-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni bejn l-Awtoritajiet Ċentrali. Fl-aħħar nett, għandek issib lista ta' mistoqsijiet frekwenti u links utli. Din il-paġna hija disponibbli bil-lingwi kollha tal-UE.

Gwida prattika tan-NĠE dwar ir-Regolament Brussell IIb, kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri f'każijiet transfruntieri (ir-Regolament 2019/111)

B'mod parallel mad-dħul fis-seħħ tar-Regolament Brussell IIb il-ġdid, in-Network ippubblika [gwida prattika](#) biex jgħin lill-qrati u lill-operaturi fil-qasam tal-ġustizzja japplikaw l-istrument il-ġdid. Din tinsab online fil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE.

Gwida prattika tan-NĠE dwar ir-Regolament dwar il-Manteniment (4/2009)

Il-[gwida prattika](#) tant mistennija dwar ir-Regolament dwar il-Manteniment hija disponibbli fil-lingwi kollha tal-UE. Hija se tipprovdi gwida kruċjali lill-imħallfin u lill-operaturi kollha fil-qasam tal-ġustizzja li jittrattaw każ transfruntier li jinvolvi sostenn għat-tfal jew għall-konjuġi.

L-aħħar aġġornament: 06/10/2025

Din il-paġna hi amministrata mill-Kummissjoni Ewropea. L-informazzjoni f'din il-paġna ma tirriflettix neċessarjament il-pożizzjoni uffiċjali tal-Kummissjoni Ewropea. Il-Kummissjoni ma taċċetta l-ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali fir-rigward tar-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-paġni Ewropej.